**Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**
Il-Ħadd 9 ta' Lulju 2017
L-XIV Ħadd Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**
Illum ser niċċelebraw il-liturġija tal-erbatax –il Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex inħennu għal dawk li jitolbu l-għajnuna tagħna. Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Żakk 9, 9-10)
Il-preżenza t'Alla hija preżenza li ġġib il-paċi kullimkien.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 144 (145), 1-2.8-9.10-11.13cd-14)
Mulej, inbierek ismek għal dejjem

**It-Tieni Qari** (Rum 8, 9.11-13)
Il-bniedem li jrid tassew iħobb huwa mistieden sabiex jiċħad dak kollu li hu tad-dinja.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 11, 25-30)
Ġesù huwa għajn ta' tjieba u ħlewwa għal kull min jinsab imħabbat u mtaqqal.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Ejjew inroddu ħajr lil Alla ta' dawk id-drabi meta aħna tlabna l-għajnuna tiegħU u sibnieha.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
L-Ewkaristija isserraħ lil kull min jinsab imħabbat u mtaqqal fil-ħajja għax tlaqqgħana ma' Kristu.
Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.